DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 151771** **01.08.2015**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Renzo Piano jagħmel żjara ta' kortesija lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

Dalgħodu l-arkitett ta' fama internazzjonali Renzo Piano, għamel żjara ta' kortesija lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia.

Preżenti għal-laqgħa li nżammet fl-Ufficcju tal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kien hemm preżenti l-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura Joe Mizzi, iċ-Ċermen tal-GHRC Stefan Zrinzo Azzopardi, is-Sur Chris Paris u l-perit Antonio Belvedere, flimkien ma' uffiċjali oħrajn mill-uffiċċju ta' Renzo Piano.

Wara l-laqgħa, l-Ispeaker Anġlu Farrugia ppreżenta pittura fuq il-ħġieġ, xogħol l-artist Malti Luciano Micallef li kien ukoll preżenti waqt l-istess preżentazzjoni.

Is-Senatur Piano, li kien akkumpanjat mis-Sinjura Piano flimkien ma' diversi membri mit-tim tal-perit Piano, iddawwar mal-binja tal-Parlament minħabba li din kienet l-ewwel żjara tiegħu fil-binja minn meta l-Parlament Malti beda jiffunzjona minnha.

Aktar tard waranofsinhar, l-Ispeaker se jkun qed jinawgura l-esebizzjoni tax-xogħlijiet relatati mal-bini tal-Parlament, xogħol tal-istess arkitett Renzo Piano.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia kien akkumpanjat mill-Iskrivan tal-Kamra, is-Sur Ray Scicluna.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**